MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2013

Numru 1200/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Thomas Girmay**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Thomas Girmay ta’ sittax-il (16) sena, bin Girmay u Letemikael, imwieled l-Eritrea fl-1 ta’ Jannar 1997, residenti f’Birzebbugia u detentur tan-numru tal-Pulizija 12AA-061, talli:

1. Fit-30 ta’ Novembru 2013 f’dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’passaport jew uzu jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li huwa iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih;

2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi;
3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorità legittima uza dokument, cioè passaport bin-numru 060122, mehtieg ghall-fini ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' tali akkuzi.

Ghal finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, l-età ta' l-imputat u c-cirkostanzi li wassluh sabiex jipprova jsib futur ahjar u li din ix-xewqa waslitu biex jaghti kaz u jemmen nies li ma kellhomx l-interess tieghu f'mohhom izda biss li jaghmlu vantagg finanzjarju minn fuqu.

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li dan it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendi t-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija

ghal perijodu ta’ sena (1) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------